12 ta' Novembru, 1945.
Imhallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Caterina Cutajar *versus* Giuseppe Cachia

**Kompetenza — Valur — Kif jiġi Determinat meta jkun hemm aktar minn Domanda waħda — Art. 763 u 766 tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta t-talbiet huma iżjed minn waħda, il-valur għall-fini tal-kompetenza jiġi determinat mit-talba li tirrappreżenta l-akbar somma, avvolja t-talba l-aktar importanti fil-kawża taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, billi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Giovanni Caruana fid-19 ta' Marzu 1926 (dok. A) l-attriċi kriet lill-konvenut il-ħanut tax-xorb fiż-Żurrieq, High Street, nru. 136 (li allura kien nru. 121) għal żmien ta' erbgħa snin obligatorji u erbgħa snin oħra fakoltativi għall-konvenut b'effett mill-ewwel ta' April ta' dik is-sena, bil-kondizzjonijiet miftehmin f'dak il-kuntratt, fosthom dik illi meta tispiċċa l-lokazzjoni l-konvenut kellu jirritorna lill-attriċi l-liċenza relativa għall-ħanut, u dik li jirritornalha wkoll mejda, sitt banketti, żewġ bankijiet imwaħħlin mal-ħajt, armatura u bank li kienu fil-ħanut; u billi b'kuntratt ieħor li sar fl-atti ta' l-istess Nutar Giovanni Caruana fit-13 ta' Ġunju 1933 (dok. B) din il-lokazzjoni ġiet imġedda għal tmien snin oħra li kellhom jibdew fl-ewwel ta' April 1934, bl-istess kondizzjonijiet tal-kiri oriġinarju; u billi minn meta spiċċaw it-tmien snin fil-31 ta' Marzu 1942 sal-lum l-istess lokazzjoni ġiet rinnovata taċitament tliet darbiet; u billi l-attriċi ma tridx iġġedded lill-konvenut din il-lokazzjoni, u b'ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar 1945 hija tagħtu l-konġedo skond il-liġi; u billi l-konvenut fl-ewwel ta' April 1945 ma telaqx l-imsemmi ħanut u ma rritornax lill-attriċi dak li kellu jirritornalha; talbet :— (1) Li l-konvenut jiġi kundannat li joħroġ mill-ħanut fuq imsemmi

u jikkunsinnah lill-attriċi fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, korredat bil-mejda, sitt banketti, żewġ bankijiet imwaħħlin mal-ħajt, armatura u bank, kif huwa ħadu fil-bidu tal-lokazzjoni minn għand l-attriċi; (2) li l-konvenut jiġi kundannat biex fi żmien li jiġi lilu prefiss minn din l-Qorti jagħmel it-talba meħtieġa lill-Kummissarju tal-Pulizija biex il-liċenza tax-xorb relativa għal dak il-ħanut tiġi trasferita minn isem il-konvenut għal isem l-attriċi; (3) fil-każ illi fiż-żmien hekk lilu prefiss, il-konvenut jonqos minn dak li hemm mitlub fit-tieni talba, li l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi awtorizzat li jeffettwa dak it-trasferiment tal-liċenza, avvolja ma jagħmelx it-talba meħtieġa l-konvenut, u għal bżonn ukoll kontra l-oppożizzjoni tiegħu. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar 1945;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-29 ta' Mejju 1945, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet, bl-ispejjeż ta' dik id-deċiżjoni kontra l-attriċi, u rriżervat id-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż fuq il-meritu għall-Qorti kompetenti; wara li dik il-Qorti ikkunsidrat;

Illi l-attriċi kriet lill-konvenut il-ħanut fil-kwistjoni bis-supplika u oġġetti ġewwa fih bil-kera ta' £5. 10. 0 fis-sena..........; illi l-kera skond il-kuntratt kellu jitħallas bis-sena bil-quddiem; illi għalhekk din il-Qorti ma hix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet, għaliex għall-finijiet tal-valur, biex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Qorti l-valur jiġi determinat fuq il-kera ta' sena (art. 763 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili), u skond l-art. 782 ta' l-istess Liġi, meta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma tiġix mogħtija, il-Qorti "ex officio" tippronunzjaha meta, f'każ bħal dan quddiemha, il-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tagħha minħabba l-valur. Fil-każ preżenti huma kompetenti l-Qrati Inferjuri;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi minflok jiġi deċiż li l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re hija kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talbiet, u l-

kawża tiġi rinvijata quddiem dik il-Qorti, jew jiġi mogħti kull provvediment ieħor meħtieġ biex il-kawża tiġi deċiża fil-meritu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bit-talbiet miġjubin fiċ-ċitazzjoni l-appellanti *talbet* l-iżgumbrament ta' l-appellat mill-ħanut fl-istess ċitazzjoni msemmi, korredat bil-mejda, sitt banketti, żewġ bankijiet imwaħħlin mal-ħajt, armatura u bank, kif kien meta tathulu b'kera, kif ukoll il-kundanna ta' l-istess konvenut biex jagħmel dak li hu meħtieġ biex il-liċenza tax-xorb relativa għal dak il-ħanut tiġi minn isem l-appellat imdawra f'isem l-appellanti. Dawk it-talbiet, barra l-iżgumbrament mill-ħanut fuq imsemmi, jimpurtaw il-konsenja tal-mobbli fuq indikati u t-tidwir tal-liċenza tax-xorb. Din il-liċenza l-istess partijiet fil-kuntratt tad-19 ta' Marzu 1926 (fol. 4) kienu stmawha £20, u huwa evidenti li l-mobbli fuq imsemmijin il-lum jiswew wisq iżjed minn £10;

Ikkunsidrat;

Illi meta t-talbiet huma iżjed minn waħda, għall-finijiet tal-kompetenza l-valur jiġi determinat mit-talba li tirrappreżenta l-akbar somma (art. 766 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); u f'dan il-każ billi l-valur tal-liċenza, li tagħha huwa mitlub it-trasferiment, kif ukoll il-valur tal-mobbli li tagħhom hija mitluba l-konsenja, huwa iżjed minn £10, il-kompetenza għandha tiġi radikata minn dan il-valur, għalkemm id-domanda l-oħra, li ċertament hija l-iżjed importanti, taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa ta' l-art. 763 tal-Kodiċi fuq ċitat;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk il-Qorti tal-Kummerċ hija kompetenti għarraġuni tal-valur li tieħu konjizzjoni tat-talbiet miġjubin biċ-ċitazzjoni, u l-appell jistħoqqlu jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell billi tiddikjara li l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tad-domandi miġjubin biċ-ċitazzjoni, u tordna li l-proċess jiġi

rinvijat lil dik il-Qorti għal dak l-iskop. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi dwar dan l-inċident, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-kontendenti; iżda d-dritt *tar-reġistru* jitħallas *mill-konvenut* appellat.

---